

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Arrom Conseil hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Ufficiċċu tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Nina Ricci SARL.

(¹) ĠU C 294, 7.9.2015.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Settembru 2016 – Alshargħawi vs Il-Kunsill

(Kawża T-485/15) (¹)

(“Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja — Iffriżar ta' fondi — Lista ta' persuni li huma suġġetti għal restrizzjonijiet inkonnessjoni mad-dħul u mal-passaġġ fi tranżitu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea — Funzjonijiet ta' ex kap tal-kabinet ta' Mouammar Gaddafi — Għażla ta' bażi legali — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Preżinżjoni tal-innoċenza — Proporzjonalità — Libertà ta' dħul u ħruġ — Dritt tal-proprietà — Obbligu li tiġi ġġustifikata l-fondatezza tal-miżura”)

(2016/C 402/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Bashir Saleh Bashir Alshargħawi (Johannesburg, l-Afrika t-Isfel) (rappreżentant: É. Moutet, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u V. Piessevaux, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parpjali, fl-ewwel lok, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333, tal-31 ta' Lulju 2015, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tkhassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, p. 34), u, fit-tieni lok, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1323, tal-31 ta' Lulju 2015, li jipplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 206, p. 4).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bashir Saleh Bashir Alshargħawi għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 337, 12.10.2015.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Settembru 2016 – Excalibur City vs EUIPO – Ferrero (MERLIN'S KINDERWELT)

(Kawża T-565/15) (¹)

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali MERLIN'S KINDERWELT — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti KINDER — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' xebħi tas-sinjal — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 402/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Excalibur City s.r.o. (Znojmo, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: E. Engin-Deniz, avukat)